REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2127

tad-29 ta' Settembru 2021

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, pajjiż li jkun identifikat min-Nazzjonijiet Uniti ("NU") bħala pajjiż l-inqas żviluppat jenħtieġ li jibbenefika mill-preferenzi tariffarji previsti skont l-arranġament speċjali ta' Kollox Minbarra Armi ("KMA") għall-pajjiżi l-inqas żviluppati. Il-lista tal-pajjiżi benefiċjarji ta' KMA hija stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 978/2012.

(2) In-NU tellgħu lil Vanuatu mill-kategorija tal-pajjiżi l-anqas żviluppati fl-4 ta' Diċembru 2020. Għaldaqstant, Vanuatu ma għadux jikkwalifika għall-istatus ta' benefiċjarju ta' KMA skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 u jenħtieġ li jitneħħa mill-Anness IV ta' dan ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, it-tneħħija ta' Vanuatu mil-lista tal-pajjiżi benefiċjarji ta' KMA jenħtieġ li tapplika wara perjodu tranżitorju ta' tliet snin li jibda mid-data li fiha dak ir-Regolament jidħol fis-seħħ. Għaldaqstant Vanuatu għandu jitneħħa mill-Anness IV b'effett mill-1 ta' Jannar 2025.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda fir-Regolament (UE) Nru 978/2012

Fit-Tabella tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, il-kodiċi alfabetiku u l-pajjiż korrispondenti li ġejjin jitħassru mill-kolonni A u B, rispettivament:

"VU	Vanuatu"

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.